L-għadd ta' impriżi prinċipali aħħarin tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jew kumpaniji azzjonarji suġġetti għas-superviżjoni tal-grupp fil-livell nazzjonali mill-awtorità superviżorja skont l-Artikolu 216 tad-Direttiva 2009/138/KE, fejn tkun preżenti impriża prinċipali aħħarija relatata oħra fil-livell nazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 217 tad-Direttiva 2009/138/KE	AG27	
L-għadd ta' gruppi tal-assigurazzjoni transfruntieri fejn l-awtorità superviżorja hija s-superviżur talgrupp	AG28	L-għadd ta' gruppi tal-assigurazzjoni fejn l-awtorità superviżorja hija s-superviżur tal-grupp, minbarra l-gruppi tal-assigurazzjoni fuq livell nazzjonali
L-għadd ta' gruppi tal-assigurazzjoni li tħallew jużaw il-metodu 2 jew taħlita tal-metodi 1 u 2 skont l-Artikolu 220(2) tad-Direttiva 2009/138/KE għallkalkolu tas-solvenza fil-livell tal-grupp	AG29	L-għadd ta' gruppi tal-assigurazzjoni li wieġbu l-metodu 2 jew it-taħlita tal-metodi fl-entrata C0010/R0130 tal-formula S.01.02.04.

ENTRATA	NUMRU TAĊ-ĊELLOLA	DEFINIZZJONI
L-ammont totali tal-fondi proprji eliġibbli tal-grupp għall-gruppi tal-assigurazzjoni fejn l-awtorità superviżorja hija s-superviżur tal-grupp	AG30	Din hija s-somma taċ-ċelloli AG30a, AG30b u AG30c.
L-ammont totali tal-fondi proprji eliġibbli tal-grupp ikkalkulati skont il-metodu 1 kif imsemmi fl-Artikolu 230(1) tad-Direttiva 2009/138/KE għall-gruppi tal-assigurazzjoni fejn l-awtorità superviżorja hija s-superviżur tal-grupp	AG30a	L-entrata C0010/R0660 tal-formula S.23.01.04 għall-gruppi tal-assigurazzjoni li jikkalkolaw il-fondi proprji eliġibbli skont il-Metodu 1 kif imsemmi fl-Artikolu 230(1) tad-Direttiva 2009/138/KE
L-ammont totali tal-fondi proprji eliġibbli tal-grupp ikkalkulati skont il-metodu 2 kif imsemmi fl-Artikolu 233 tad-Direttiva 2009/138/KE għall-gruppi tal-assigurazzjoni fejn l-awtorità superviżorja hija s-superviżur tal-grupp	AG30b	L-entrata C0010/R0660 tal-formula S.23.01.04 għall-gruppi tal-assigurazzjoni li jikkalkolaw il-fondi proprji eliġibbli skont il-Metodu 2 kif imsemmi fl-Artikolu 233(2) tad-Direttiva 2009/138/KE
L-ammont totali tal-fondi proprji eliġibbli tal-grupp ikkalkulati skont taħlita tal-metodi 1 u 2 kif imsemmi fl-Artikolu 220 tad-Direttiva 2009/138/KE għall-gruppi tal-assigurazzjoni fejn l-awtorità superviżorja hija s-superviżur tal-grupp	AG30c	L-entrata C0010/R0660 tal-formula S.23.01.04 għall-gruppi tal-assigurazzjoni li jikkalkolaw il-fondi proprji eliġibbli skont taħlita tal-metodi 1 u 2 kif imsemmi fl-Artikolu 220(2) tad-Direttiva 2009/138/KE
L-ammont totali tal-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp għall-gruppi tal-assigurazzjoni fejn l-awtorità superviżorja hija s-superviżur tal-grupp	AG31	Din hija s-somma taċ-ċelloli AG31a, AG31b u AG31c.
L-ammont totali tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp ikkalkulat skont il-metodu 1 kif imsemmi fl-Artikolu 230(1) tad-Direttiva 2009/138/KE għall-gruppi tal-assigurazzjoni fejn l-awtorità superviżorja hija s-superviżur tal-grupp għall-grupp tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	AG31a	L-entrata C0010/R0680 tal-formula S.23.01.04 għall-gruppi tal-assigurazzjoni li jikkalkolaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza skont il-metodu 1 kif imsemmi fl-Artikolu 230(1) tad-Direttiva 2009/138/KE
L-ammont totali tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp ikkalkulat skont il-metodu 2 kif imsemmi fl-Artikolu 233 tad-Direttiva 2009/138/KE għall-gruppi tal-assigurazzjoni fejn l-awtorità superviżorja hija s-superviżur tal-grupp għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp	AG31b	L-entrata C0010/R0680 tal-formula S.23.01.04 għall-gruppi tal-assigurazzjoni li jikkalkolaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza skont il-metodu 2 kif imsemmi fl-Artikolu 233 tad-Direttiva 2009/138/KE

ENTRATA	NUMRU TAĊ-ĊELLOLA	DEFINIZZJONI
L-ammont totali tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp ikkalkulat skont taħlita tal-metodi 1 u 2 għall-gruppi tal-assigurazzjoni fejn l-awtorità superviżorja hija s-superviżur tal-grupp għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp	AG31c	L-entrata C0010/R0680 tal-formula S.23.01.04 għall-gruppi tal-assigurazzjoni li jikkalkolaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza skont taħlita tal-metodi 1 u 2
L-għadd ta' gruppi tal-assigurazzjoni fejn l-awtorità superviżorja hija s-superviżur tal-grupp li jużaw mudell intern sħiħ approvat għall-kalkolu tar-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza tal-grupp	AG32a	
Li minnhom, approvazzjonijiet skont l-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE	AG32aa	L-għadd ta' gruppi tal-assigurazzjoni fejn l-awtorità superviżorja hija s-superviżur tal-grupp, bl-użu ta' mudell intern sħiħ approvat għall-kalkolu tar-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza tal-grupp biss
Li minnhom, approvazzjonijiet skont l-Artikolu 231 tad-Direttiva 2009/138/KE	AG32ab	L-għadd ta' gruppi tal-assigurazzjoni fejn l-awtorità superviżorja hija s-superviżur tal-grupp bl-użu ta' mudell intern sħiħ approvat minn awtorità superviżorja għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat, kif ukoll ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fil-grupp
L-għadd ta' gruppi tal-assigurazzjoni fejn l-awtorità superviżorja hija s-superviżur tal-grupp li jużaw mudell intern parzjali approvat għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	AG32b	
Li minnhom, approvazzjonijiet skont l-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE	AG32ba	L-għadd ta' gruppi tal-assigurazzjoni fejn l-awtorità superviżorja hija s-superviżur tal-grupp, li jużaw mudell intern parzjali approvat għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp biss
Li minnhom, approvazzjonijiet skont l-Artikolu 231 tad-Direttiva 2009/138/KE	AG32bb	L-għadd ta' gruppi tal-assigurazzjoni fejn l-awtorità superviżorja hija s-superviżur tal-grupp li jużaw mudell intern parzjali approvat minn awtorità superviżorja għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat, kif ukoll tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fil-grupp

III. DEFINIZZJONIJIET TAL-ENTRATI GĦAD-DIVULGAZZJONI TA' DEJTA STATISTIKA AGGREGATA DWAR L-AWTORITAJIET SUPERVIŻORJI

ENTRATA	NUMRU TAĊ-ĊELLOLA	DEFINIZZJONI
L-istruttura tal-awtorità superviżorja	B1a	Skema jew ċart organizzazzjonali li turi mill-inqas id-diviżjonijiet, id-dipartimenti jew l-unitajiet ewlenin fl-awtorità superviżorja.
L-għadd ta' persunal fi tmiem is-sena kalendarja	B1b	L-għadd ta' persunal ekwivalenti għall-full time li jaħdem direttament fil-qasam tas-superviżjoni tal-assigurazzjoni prudenzjali kif ukoll ta' persunal anċillari li jappoġġja lil dawk li jaħdmu direttament fis-superviżjoni tal-assigurazzjoni prudenzjali (pereż. it-Teknoloġija tal-Informazzjoni) fl-awtorità superviżorja fi tmiem is-sena kalendarja. L-għadd ta' persunal jiġi kkalkolat abbażi tal-aħjar sforz.
L-għadd totali tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa kemm fuq il-livell individwali kif ukoll fuq il-livell ta' grupp	B2a	Spezzjoni fuq il-post tirreferi għal valutazzjoni organizzata jew eżerċizzju formali ta' evalwazzjoni, fil-qasam tar-regolamentazzjoni tal-assigurazzjoni prudenzjali, imwettqa fil-post tal-impriża taħt superviżjoni, jew il-fornituri tas-servizz għand min l-impriża taħt superviżjoni tkun esternalizzat xi funzjonijiet, ħaġa li twassal għall-ħruġ ta' dokument kkomunikat lill-impriża. Bħala eżempji, il-proċeduri li ġejjin mhumiex meqjusa bħala spezzjonijiet fuq il-post, anki jekk dawn jistgħu jiffurmaw parti minn analiżi dettaljata ta' impriża mill-awtorità superviżorja: a) Laqgħat jew żjarat ta' superviżjoni fl-uffiċċji tal-awtorità superviżorja jew fl-uffiċċji tal-impriża, li ma jirriżultawx f'dokument kkomunikat lill-impriża; b) Laqgħat jew preżentazzjonijiet esploratorji minn impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jsiru għall-awtorità superviżorja; c) Żjarat ta' superviżjoni biex wieħed jifhem aktar dwar ċerti kwistjonijiet speċifiċi, li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala eżerċizzji ta' tiftix tal-fatti.
Li minnhom, l-għadd ta' spezzjonijiet regolari	B2aa	Spezzjoni regolari hija spezzjoni fuq il-post skedata, li tirriżulta mill-pjan superviżorju.
Fosthom, l-għadd ta' spezzjonijiet *ad hoc*	B2ab	Spezzjoni ad hoc hija spezzjoni fuq il-post li ma tirriżultax neċessarjament minn proċess ta' qafas ta' valutazzjoni tar-riskju, jew li ma tkunx ġiet definita oriġinarjament fil-pjan superviżorju. Madankollu, tipikament, il-ħtieġa għal spezzjonijiet ad hoc tinħoloq meta l-pjan superviżorju jkollu jiġi aġġustat biex jirrifletti r-restrizzjonijiet tal-awtoritajiet superviżorji jew xi prijoritajiet oħra ġodda. Dan jista' jiġi kkawżat, pereżempju, meta l-awtorità superviżorja ssir konxja ta' sitwazzjoni li titlob li jitwettqu aktar investigazzjonijiet fuq il-post.

ENTRATA	NUMRU TAĊ-ĊELLOLA	DEFINIZZJONI
Fosthom, l-għadd ta' spezzjonijiet fuq il-post mandati lil partijiet terzi	B2ac	
Fosthom, l-għadd ta' spezzjonijiet fuq il-post taħt superviżjoni tal-grupp li twettqu b'mod konġunt ma' membri oħrajn tal-Kulleġġ tas-superviżuri tal-grupp	B2ad	
Fosthom, l-għadd totali ta' spezzjonijiet imwettqa sabiex tiġi rieżaminata u evalwata d-dipendenza tal-impriżi fuq klassifikazzjonijiet esterni	B2ae	
L-għadd totali ta' ġranet ta' xogħol li tqattgħu fi spezzjonijiet fuq il-post imwettqa kemm fuq il-livell individwali kif ukoll fuq il-livell ta' grupp	B2b	
L-għadd ta' rieżamijiet formali tal-konformità kontinwa tal-mudelli interni sħaħ jew parzjali mar-rekwiżiti kemm fuq il-livell individwali kif ukoll fuq il-livell ta' grupp	B3	
Fosthom, l-għadd ta' rieżamijiet imwettqa sabiex tiġi rieżaminata u evalwata d-dipendenza tal-impriżi fuq klassifikazzjonijiet esterni	B3a	
L-għadd ta' mudelli interni parzjali u sħaħ sottomessi għall-approvazzjoni fil-livell individwali	B4a	
Fosthom, l-għadd ta' mudelli interni parzjali u sħaħ li l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jinkludi riskju ta' kreditu kemm f'riskju tas-suq kif ukoll f'riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti sottomessi għall-approvazzjoni fil-livell individwali	B4aa	
L-għadd ta' applikazzjonijiet għall-approvazzjoni approvati ta' mudelli interni parzjali u sħaħ fil-livell individwali	B4b	
Fosthom, l-għadd ta' mudelli interni parzjali u sħaħ li l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jinkludi riskju ta' kreditu kemm f'riskju tas-suq kif ukoll f'riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti fil-livell individwali	B4ba	
L-għadd ta' mudelli interni parzjali u sħaħ sottomessi għall-approvazzjoni fil-livell ta' grupp	B4c	
Fosthom, l-għadd ta' mudelli interni parzjali u sħaħ li l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jinkludi riskju ta' kreditu kemm f'riskju tas-suq kif ukoll f'riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti sottomessi għall-approvazzjoni fil-livell ta' grupp	B4ca	

ENTRATA	NUMRU TAĊ-ĊELLOLA	DEFINIZZJONI
L-għadd ta' applikazzjonijiet għall-approvazzjoni apporvati ta' mudelli interni parzjali u sħaħ fil-livell ta' grupp	B4d	
Fosthom, l-għadd ta' mudelli interni parzjali u sħaħ li l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jinkludi riskju ta' kreditu kemm f'riskju tas-suq kif ukoll f'riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti fil-livell ta' grupp	B4da	
L-għadd ta' miżuri rimedjali meħuda, skont l-Artikoli 110 tad-Direttiva 2009/138/KE	B5a	L-għadd ta' każijiet fejn l-awtorità superviżorja ħtieġet li l-impriża tissostitwixxi subsett tal-parametri użati fil-kalkolu fil-formola standard b'parametri speċifiċi għal dik l-impriża, meta jiġu kkalkulati l-moduli tar-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja, mhux tal-ħajja u tas-saħħa minħabba devjazzjoni sinifikanti bejn il-profil ta' riskju tal-impriża u s-suppożizzjonijiet sottostanti tal-formola standard.
L-għadd ta' miżuri rimedjali meħuda, skont l-Artikoli 117 tad-Direttiva 2009/138/KE	B5b	L-għadd ta' każijiet fejn l-awtorità superviżorja ħtieġet li l-impriża terġa' lura għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza skont il-formola standard, minħabba n-nuqqas ta' konformità ma' standards tal-mudelli interni.
L-għadd ta' miżuri rimedjali meħuda, skont l-Artikoli 119 tad-Direttiva 2009/138/KE	B5c	L-għadd ta' każijiet fejn l-awtorità superviżorja ħtieġet li l-impriża tuża mudell intern għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, jew il-moduli rilevanti tar-riskju, minħabba devjazzjoni sinifikanti bejn il-profil ta' riskju tal-impriża u s-suppożizzjonijiet sottostanti tal-formola standard.
Fosthom, l-għadd ta' miżuri rimedjali li ġew skattati minn devjazzjoni tal-profil tar-riskju tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni fir-rigward tar-riskju tal-kreditu tagħhom	B5ca	L-għadd ta' każijiet fejn l-awtorità superviżorja ħtieġet li l-impriża tuża mudell intern għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, jew il-moduli rilevanti tar-riskju, minħabba li l-profil ta' riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ddevja b'mod sinifikanti fir-rigward tar-riskju ta' kreditu tagħha.
L-għadd ta' miżuri rimedjali meħuda, skont l-Artikoli 137 tad-Direttiva 2009/138/KE	B5d	L-għadd ta' każijiet meta l-awtorità superviżorja pprojbixxiet id-diskrezzjoni ħielsa tal-assi ta' impriża meta l-impriża ma osservatx ir-regoli dwar il-provvedimenti tekniċi.
L-għadd ta' miżuri rimedjali meħuda, skont l-Artikoli 138 tad-Direttiva 2009/138/KE	B5e	L-għadd ta' każijiet meta l-awtorità superviżorja rrestrinġiet jew ipprojbixxiet id-diskrezzjoni ħielsa tal-assi ta' dik l-impriża meta l-impriża ma osservatx ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.

ENTRATA	NUMRU TAĊ-ĊELLOLA	DEFINIZZJONI
L-għadd ta' miżuri rimedjali meħuda, skont l-Artikoli 139 tad-Direttiva 2009/138/KE	B5f	L-għadd ta' każijiet meta l-awtorità superviżorja tipprojbixxi jew tirrestrinġi d-diskrezzjoni ħielsa tal-assi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni meta l-impriża ma osservatx ir-Rekwiżit Kapitali Minimu
L-għadd ta' awtorizzazzjonijiet irtirati	B6	Irtirati tfisser irtirar sħiħ ta' awtorizzazzjoni ta' impriża li twettaq operazzjonijiet u ma tinkludix pereżempju l-irtirar ta' awtorizzazzjoni għal klassi partikolari ta'operazzjonijiet jew attività ta' riassigurazzjoni biss, fejn dik l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tkompli tiġi awtorizzata għal klassijiet jew attivitajiet oħrajn.
L-għadd ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija lil impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni	B7	L-għadd ta' awtorizzazzjonijiet ġodda f'dik is-sena kalendarja. Awtorizzazzjonijiet ġodda tfisser awtorizzazzjonijiet għal impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ġdida u ma jinkludux pereżempju estensjonijiet ta' awtorizzazzjonijiet (jiġifieri għal klassijiet oħra ta' operazzjonijiet) għal impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li huma diġà awtorizzati.
Il-kriterji użati għall-applikazzjoni tas-supplimentazzjonijiet kapitali	B8a	
Il-kriterji użati għall-kalkolu tas-supplimentazzjonijiet kapitali	B8b	
Il-kriterji użati għat-tneħħija tas-supplimentazzjonijiet kapitali	B8c	
L-għadd ta' applikazzjonijiet sottomessi lill-awtoritajiet superviżorji għall-użu tal-aġġustament ta' korrispondenza msemmi fl-Artikolu 77b tad-Direttiva 2009/138/KE.	B9	
Fosthom, l-għadd ta' applikazzjonijiet aċċettati għall-użu tal-aġġustament ta' korrispondenza msemmi fl-Artikolu 77b tad-Direttiva 2009/138/KE	B9a	
L-għadd ta' applikazzjonijiet sottomessi lill-awtoritajiet superviżorji biex jużaw l-aġġustament tal-volatilità msemmi fl-Artikolu 77d tad-Direttiva 2009/138/KE	B10	Dan huwa applikabbli biss meta l-Istat Membru jkun għażel li jirrikjedi approvazzjoni minn qabel għall-użu tal-aġġustament għall-volatilità.
Fosthom, l-għadd ta' applikazzjonijiet approvati għall-użu tal-aġġustament tal-volatilità msemmi fl-Artikolu 77d tad-Direttiva 2009/138/KE	B10a	Dan huwa applikabbli biss meta l-Istat Membru jkun għażel li jirrikjedi approvazzjoni minn qabel għall-użu tal-aġġustament għall-volatilità.

ENTRATA	NUMRU TAĊ-ĊELLOLA	DEFINIZZJONI
L-għadd ta' estensjonijiet mogħtija skont l-Artikolu 138(4) tad-Direttiva 2009/138/KE	B11a	L-għadd ta' estensjonijiet mogħtija għall-perjodu biex tiġi żgurata l-konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza fil-każ ta' sitwazzjonijiet avversi eċċezzjonali.
Id-durata medja tal-estensjonijiet mogħtija skont l-Artikolu 138(4) tad-Direttiva 2009/138/KE	B11b	It-total tad-durati tal-estensjonijiet kollha mogħtija skont l-Artikolu 138(4) tad-Direttiva 2009/138/KE diviża biċ-ċellola B11a.
L-għadd ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija skont l-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE	B12	L-għadd ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija biex jintuża s-submodulu tar-riskju ta' ekwità bbażat fuq id-durata fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.
L-għadd ta' applikazzjonijiet sottomessi lill-awtorità superviżorja biex tintuża l-istruttura tranżizzjonali tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju msemmija fl-Artikolu 308c tad-Direttiva 2009/138/KE	B13	
Fosthom, l-għadd ta' applikazzjonijiet approvati għall-użu tal-istruttura tranżizzjonali tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju msemmija fl-Artikolu 308c Direttiva 2009/138/KE	B13a	
L-għadd ta' deċiżjonijiet biex tiġi rrevokata l-approvazzjoni ta' din il-miżura tranżizzjonali skont l-artikolu 308e tad-Direttiva 2009/138/KE.	B13b	
L-għadd ta' applikazzjonijiet sottomessi lill-awtorità superviżorja biex jintuża t-tnaqqis tranżizzjonali mill-provvedimenti tekniċi msemmi fl-Artikolu 308d tad-Direttiva 2009/138/KE	B14	
Fosthom, l-għadd ta' applikazzjonijiet aċċettati għall-użu tat-tnaqqis tranżizzjonali mill-provvedimenti tekniċi msemmi fl-Artikolu 308d tad-Direttiva 2009/138/KE	B14a	
L-għadd ta' laqgħat tal-Kulleġġi tas-superviżuri li attendiet għalihom l-awtorità superviżorja bħala membru	B15a	L-għadd ta' laqgħat organizzati skont l-Artikoli 248 (1)(e) u 249(2) tad-Direttiva 2009/138/KE li attendiet għalihom l-awtorità superviżorja bħala membru, iżda mhux bħala superviżur tal-grupp. Dan jinkludi laqgħat fiżiċi u laqgħat li jsiru permezz ta' mezzi oħra, bħal telekonferenzi. Dan jinkludi wkoll laqgħat b'għadd imnaqqas ta' awtoritajiet superviżorji skont it-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 248 (3) tad-Direttiva 2009/138/KE, bħal laqgħat ta' tims speċjalizzati, iżda ma jinkludix diskussjonijiet bilaterali bejn żewġ awtoritajiet superviżorji mill-kulleġġ tas-superviżuri. Din l-entrata ma tinkludix laqgħat ta' gruppi tal-immaniġġjar tal-kriżijiet, peress li l-istabbiliment tagħhom mhux ibbażat fuq id-Direttiva 2009/138/KE.

ENTRATA	NUMRU TAĊ-ĊELLOLA	DEFINIZZJONI
L-għadd ta' laqgħat tal-Kulleġġi tas-superviżuri li l-awtorità superviżorja ppresediet bħala superviżur tal-grupp	B15b	L-għadd ta' laqgħat organizzati skont l-Artikoli 248 (1)(e) u 249(2) tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Kolleġġi tas-Superviżuri li l-awtorità superviżorja ppresediet bħala superviżur tal-grupp. Dan jinkludi laqgħat fiżiċi u laqgħat li jsiru permezz ta' mezzi oħra, bħal telekonferenzi. Dan jinkludi wkoll laqgħat b'għadd imnaqqas ta' awtoritajiet superviżorji skont it-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 248(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, bħal laqgħat ta' tims speċjalizzati, iżda ma jinkludix diskussjonijiet bilaterali bejn żewġ awtoritajiet superviżorji mill-kulleġġ tas-superviżuri. Din l-entrata ma tinkludix laqgħat ta' gruppi tal-immaniġġjar tal-kriżijiet, peress li l-istabbiliment tagħhom mhux ibbażat fuq id-Direttiva 2009/138/KE.
L-għadd ta' applikazzjonijiet sottomessi lill-awtoritajiet superviżorji għall-approvazzjoni ta' fondi proprji anċillari	B16a	
Fosthom, l-għaddi ta' applikazzjonijiet approvati għall-approvazzjoni ta' fondi proprji anċillari	B16aa	
Il-karatteristiċi ewlenin tal-entrati approvati ta' fondi proprji anċillari	B16b	
L-għadd ta' applikazzjonijiet sottomessi lill-awtoritajiet superviżorji għall-approvazzjoni tal-valutazzjoni u l-klassifikazzjoni ta' entrati ta' fondi proprji, li mhumiex koperti mil-listi stabbiliti fl-Artikoli 69, 72, 74, 76 u 78 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 2015/35	B17a	
Fosthom, l-għadd ta' applikazzjonijiet approvati għall-approvazzjoni tal-valutazzjoni u l-klassifikazzjoni ta' entrati ta' fondi proprji, li mhumiex koperti bil-listi stabbiliti fl-Artikoli 69, 72, 74, 76 u 78 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 2015/35	B17aa	
Il-karatteristiċi ewlenin tal-entrati ta' fondi proprji approvati, li mhumiex koperti bil-listi stabbiliti fl-Artikoli 69, 72, 74, 76 u 78 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 2015/35	B17b	
Il-metodu użat biex jiġu valutati u klassifikati l-entrati ta' fondi proprji approvati, li mhumiex koperti mil-listi rilevanti stabbiliti fl-Artikoli 69, 72, 74, 76 u 78 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 2015/35	B17c	

ENTRATA	NUMRU TAĊ-ĊELLOLA	DEFINIZZJONI
L-għadd tal-analiżi tal-evalwazzjoni bejn il-pari organizzati u mwettqa mill-EIOPA skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, li fihom ħadet sehem l-awtorità superviżorja	B18a	
Il-kamp ta' applikazzjoni tal-analiżi tal-evalwazzjoni bejn il-pari organizzati u mwettqa mill-EIOPA skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, li fihom ħadet sehem l-awtorità superviżorja.	B18b	

ANNESS III

FORMULA GĦAD-DIVULGAZZJONI TA' INFORMAZZJONI RIGWARD L-EŻERĊIZZJU TA' OPZJONIJIET

Id-divulgazzjoni ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 titwettaq billi timtela din il-formula. Ir-referenzi kollha huma għad-Direttiva 2009/138/KE, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

FORMULA GĦAD-DIVULGAZZJONI TA' INFORMAZZJONI DWAR L-EŻERĊIZZJU TA' OPZJONIJIET SKONT IL-PUNT (D) TAL-ARTIKOLU 31(2) TAD-DIRETTIVA 2009/138/KE

Artikolu tad-Direttiva 2009/138/KE	It-titolu tal-Artikolu	Deskrizzjoni tal-opzjoni	Użu tal-opzjoni IVA / LE	Strument legali nazzjonali użat L/R/A [1]	Referenza għall-Artikolu fil-liġi nazzjonali	Test jew link għat-test tal-liġi nazzjonali	Test jew link għat-test tal-liġi nazzjonali meta jkun disponibbli f'lingwa oħra
Artikolu 13(27)	Definizzjonijiet	Rigward id-definizzjoni ta' opzjoni ta' riskji kbar li tiżdied mal-kategorija ta' riskji kklassifikati taħt il-klassijiet ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja 3, 8, 9, 10, 13 u 16 fil-Parti A tal-Anness I, ir-riskji assigurati minn assoċjazzjonijiet professjonali, impriżi konġunti jew gruppi temporanji					
Artikolu 15(2)(c), sottoparagrafu 3	L-ambitu tal-awtorizzazzjoni	Opzjoni biex tingħata awtorizzazzjoni lil żewġ klassijiet jew iktar ta' assigurazzjoni diretta					
Artikolu 15(3), sottoparagrafu 1	L-ambitu tal-awtorizzazzjoni	Opzjoni biex tingħata awtorizzazzjoni għal assigurazzjoni mhux tal-ħajja għall-gruppi ta' klassijiet elenkati fil-Parti B tal-Anness I					
Artikolu 17(2)	Il-forma legali tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-rijassigurazzjoni	Opzjoni biex tistabbilixxi impriżi f'forma li hija regolata mil-liġi pubblika, sakemm dawn l-organizzazzjonijiet ikollhom l-operazzjonijiet tal-assigurazzjoni jew tar-rijassigurazzjoni bħala l-għan tagħhom, taħt kondizzjonijiet ekwivalenti għal dawk li jaħdmu taħthom l-impriżi regolati mid-dritt privat					

Artikolu tad-Direttiva 2009/138/KE	It-titolu tal-Artikolu	Deskrizzjoni tal-opzjoni	Użu tal-opzjoni IVA / LE	Strument legali nazzjonali użat L/R/A [1]	Referenza għall-Artikolu fil-liġi nazzjonali	Test jew link għat-test tal-liġi nazzjonali	Test jew link għat-test tal-liġi nazzjonali meta jkun disponibbli f'lingwa oħra
Artikolu 21(1), sottoparagrafu 2	Il-kondizzjonijiet tal-poloz u skali ta' primjums	Opzjoni biex fl-assigurazzjoni tal-ħajja sistematika tiġi rikjesta notifika tal-bażijiet tekniċi użati għall-kalkolu tal-iskali tal-primjums u l-provvedimenti tekniċi għall-iskop tal-verifika tal-konformità ma' prinċipji attwarji					
Artikolu 21(3)	Il-kondizzjonijiet tal-poloz u skali tal-primjums	Opzjoni biex tissottometti l-impriżi li jitolbu jew li jkunu kisbu awtorizzazzjoni għal attivitajiet ta' għajnuna għal verifiki dwar ir-riżorsi tagħhom f'termini ta' persunal u tagħmir					
Artikolu 21(4)	Il-kondizzjonijiet tal-poloz u skali tal-primjums	Opzjoni biex teżiġi l-approvazzjoni tal-memorandum u l-istatut ta' assoċjazzjoni jew kull dokument ieħor neċessarju għas-superviżjoni normali					
Artikolu 51(2), sottoparagrafu 3	Rapport dwar is-solvenza u l-kondizzjoni finanzjarja: kontenut	Opzjoni li tippermetti li l-impriżi ta' (ri)assigurazzjoni jiġu eżentati matul perjodu tranżizzjonali, mir-rekwiżit rigward id-divulgazzjoni separata tas-supplimentazzjoni kapitali jew l-impatt tal-użu ta' parametri speċifiċi għal impriża partikolari, fejn l-użu tagħhom huwa meħtieġ millawtorità superviżorja.					
Artikolu 57(1)	Akkwiżizzjonijiet	Meta l-Istati Membri japplikaw limiti massimu ta' terz għan-notifika lill-awtoritajiet superviżorji tal-akkwiżizzjonijiet skont id-Direttiva 2004/109/KE, l-opzjoni biex titkompla l-applikazzjoni ta' dak l-limitu, minflok limitu ta' 30 %.					

Artikolu tad-Direttiva 2009/138/KE	It-titolu tal-Artikolu	Deskrizzjoni tal-opzjoni	Użu tal-opzjoni IVA / LE	Strument legali nazzjonali użat L/R/A [1]	Referenza għall-Artikolu fil-liġi nazzjonali	Test jew link għat-test tal-liġi nazzjonali	Test jew link għat-test tal-liġi nazzjonali meta jkun disponibbli f'lingwa oħra
Artikolu 57(2)	Akkwiżizzjonijiet	Meta l-Istati Membri japplikaw limitu massimu ta' terz għan-notifika lill-awtoritajiet superviżorji tad-disponimenti skont id-Direttiva 2004/109/KE, l-opzjoni li titkompla l-applikazzjoni ta' dak il-limitu, minflok limitu ta' 30 %.					
Artikolu 73(2)	L-eżerċizzju ta' attività tal-assigurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja	Opzjoni sabiex ikunu jistgħu jsiru dawn li ġejjin: (i) li impriżi tal-assigurazzjoni tal-ħajja jiksbu awtorizzazzjoni għal attività tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja għar-riskji ta' aċċidenti u ta' mard; (ii) li impriżi mhux tal-ħajja awtorizzati biss għar-riskji ta' aċċidenti u ta' mard jiksbu awtorizzazzjoni biex iwettqu attività tal-assigurazzjoni tal-ħajja.					
L-ewwel sentenza tal-paragrafu 3 tal- Artikolu 73	L-eżerċizzju ta' attività tal-assigurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja	Opzjoni li tippermetti li tiġi prevista l-konformità tal-impriżi msemmija fl-Artikolu 73(2) mar-regoli ta' kontabbiltà li jirregolaw l-impriżi tal-assigurazzjoni tal-ħajja fl-attivitajiet kollha tagħhom					
It-tieni sentenza tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 73	Twettiq ta' attività tal-assigurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja	Opzjoni li tippermetti li fi proċedura ta' stralċ jiġu applikati r-regoli għal attivitajiet tal-assigurazzjoni tal-ħajja għal attivitajiet ta' aċċidenti u mard imwettqa mill-impriżi skont l-Artikolu 73 (2)					
Artikolu 73(5), sottoparagrafu 2	Twettiq ta' attività tal-assigurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja	Opzjoni li tippermetti li jiġi rikjest it-tmiem tat-twettiq simultanju ta' attivitajiet tal-ħajja u mhux tal-ħajja f'perjodu partikolari					

Artikolu tad-Direttiva 2009/138/KE	It-titolu tal-Artikolu	Deskrizzjoni tal-opzjoni	Użu tal-opzjoni IVA / LE	Strument legali nazzjonali użat L/R/A [1]	Referenza għall-Artikolu fil-liġi nazzjonali	Test jew link għat-test tal-liġi nazzjonali	Test jew link għat-test tal-liġi nazzjonali meta jkun disponibbli f'lingwa oħra
Artikolu 77d(1)	Aġġustament ta' volatilità għall-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju	Opzjoni li tippermetti li tiġi meħtieġa approvazzjoni minn qabel mill-awtorità superviżorja biex jiġi applikat l-aġġustament għall-volatilità għall-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju biex tiġi kkalkolata l-aħjar stima msemmija fl-Artikolu 77(2)					
Artikolu 148(2)	Notifika mill-Istat Membru tad-domiċilju	Opzjoni biex titlob li l-impriżi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja li jkopru riskji ta' responsabbiltà tal-vetturi skont il-libertà li jipprovdu servizzi jissottomettu ċerta informazzjoni					
Artikolu 150(3)	Assigurazzjoni mandatorja għar-responsabbiltà lejn parti terza ta' vetturi bil-mutur	Opzjoni li l-Istat Membru ospitanti jeħtieġ li l-impriżi tal-assigurazzjoni li jipprovdu servizzi jikkonformaw mar-regoli rigward il-kopertura ta' riskji aggravati, sakemm dawn japplikaw għal impriżi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja					
Artikolu 152(4)	Rappreżentant	Opzjoni li tippermetti li jiġi approvat rappreżentant għal pretensjonijiet maħtur skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/26/KE bħala rappreżentant skont l-Artikolu 152(1)					
Artikolu 163(3)	Skema ta' operazzjonijiet tal-fergħa	Opzjoni li tippermetti li l-impriżi tal-assigurazzjoni jiġu mitluba jissottomettu notifika sistematika tal-bażi teknika li ntużat għall-kalkolu tal-primjums u l-provvedimenti tekniċi fir-rigward tal-assigurazzjoni tal-ħajja					

Artikolu tad-Direttiva 2009/138/KE	It-titolu tal-Artikolu	Deskrizzjoni tal-opzjoni	Użu tal-opzjoni IVA / LE	Strument legali nazzjonali użat L/R/A [1]	Referenza għall-Artikolu fil-liġi nazzjonali	Test jew link għat-test tal-liġi nazzjonali	Test jew link għat-test tal-liġi nazzjonali meta jkun disponibbli f'lingwa oħra
Artikolu 169(2)	Is-separazzjoni tal-operazzjonijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja minn dak tal-ħajja	Opzjoni li tippermetti lil fergħat imħallta biex jeżerċitaw attivitajiet tal-assigurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja, sakemm kull attività tkun amministrata separatament					
Artikolu 169(3), sotto-paragrafu 2	Is-separazzjoni tal-operazzjonijiet mhux tal-ħajja minn dawk tal-ħajja	Opzjoni rigward fergħat li fid-dati msemmija fl-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 73(5) iwettqu biss attività tal-assigurazzjoni tal-ħajja fi Stat Membru, iżda li l-uffiċċju prinċipali tagħhom ikun jinsab barra mill-komunità, iwettqu simultanjament attivitajiet tal-ħajja u mhux tal-ħajja u sussegwentement jixtiequ jwettqu attività tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja f'dak l-Istat Membru.					
Artikolu 179(4), sotto-paragrafu 2	Obbligi relatati	Opzjoni li tippermetti li jiġi mitlub il-ħruġ ta' dikjarazzjoni li kuntratt tal-assigurazzjoni jikkonforma ma' dispożizzjonijiet speċifiċi relatati ma' assigurazzjoni obbligatorja mhux tal-ħajja					
Artikolu 181(1), sotto-paragrafu 2	Assigurazzjoni mhux tal-ħajja	Opzjoni biex tirrikjedi notifika mhux sistematika tal-kundizzjonijiet ta' polza u dokumenti oħrajn li jivverifikaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw kuntratti tal-assigurazzjoni					
Artikolu 181(2), sotto-paragrafu 1	Assigurazzjoni mhux tal-ħajja	Opzjoni li tippermetti li jiġi mitlub li l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi ta' assigurazzjoni obbligatorja jiġu kkomunikati lill-awtorità superviżorja qabel ma jiġu ċċirkulati					

Artikolu tad-Direttiva 2009/138/KE	It-titolu tal-Artikolu	Deskrizzjoni tal-opzjoni	Użu tal-opzjoni IVA / LE	Strument legali nazzjonali użat L/R/A [1]	Referenza għall-Artikolu fil-liġi nazzjonali	Test jew link għat-test tal-liġi nazzjonali	Test jew link għat-test tal-liġi nazzjonali meta jkun disponibbli f'lingwa oħra
Artikolu 182, sottoparagrafu 2	Assigurazzjoni tal-ħajja	Opzjoni li tippermetti li tiġi mitluba komunikazzjoni sistematika tal-bażijiet tekniċi użati għall-kalkolu tal-iskali tal-primjums u l-provvedimenti tekniċi għall-iskop tal-verifika tal-konformità ma' prinċipji attwarji					
Artikolu 184(2), sottoparagrafu 2	Tagħrif addiżżjonali fil-każ tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja offruta skont id-dritt tal-istabbiliment jew il-libertà li tipprovdi servizzi	Opzjoni biex tirrikjedi li l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-impriża tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja jidhru f'kuntratt ta' assigurazzjoni jew dokument ieħor li jagħti kopertura					
Artikolu 185(7)	Informazzjoni għal detenturi ta' polza	Opzjoni li tippermetti li jiġi mitlub il-provvediment ta' informazzjoni addizzjonali sabiex jiġi żgurat li d-detenturi ta' polza jifhmu l-elementi essenzjali tal-impenn ta' assigurazzjoni tal-ħajja					
Artikolu 186(2)	Perjodu ta' kanċellazzjoni	Opzjoni li tippermetti li ma jiġix applikat perjodu ta' kanċellazzjoni għal detenturi ta' polza f'każijiet speċifiċi					
Artikolu 189	Parteċipazzjoni fi skemi nazzjonali ta' garanzija	Opzjoni li tippermetti li tiġi mitluba l-parteċipazzjoni obbligatorja ta' impriżi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja fi skemi ta' garanzija tal-Istat Membru ospitanti					
Artikolu 197, sottoparagrafu 1	Attivitajiet simili għall-assistenza turistika	Opzjoni li tippermetti li tipprovdi għal għajnuna lil persuni f'diffikultà f'ċirkostanzi ta' xorta' oħra minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 2(2)					

Artikolu tad-Direttiva 2009/138/KE	It-titolu tal-Artikolu	Deskrizzjoni tal-opzjoni	Użu tal-opzjoni IVA / LE	Strument legali nazzjonali użat L/R/A [1]	Referenza għall-Artikolu fil-liġi nazzjonali	Test jew link għat-test tal-liġi nazzjonali	Test jew link għat-test tal-liġi nazzjonali meta jkun disponibbli f'lingwa oħra
Artikolu 198(2)(c)	Ambitu ta' din it-taqsima	Opzjoni li tippermetti li ma jiġux applikati r-rekwiżiti għal assigurazzjoni ta' spejjeż legali għall-attività tal-assigurazzjoni ta' spejjeż legali mwettqa minn assiguratur ta' assistenza, f' ċirkostanzi speċifiċi					
Artikolu 199	Kuntratti separati	Opzjoni li tippermetti li tiġi rikjesta speċifikazzjoni espliċita tal-ammont tal-primjum għall-ispejjeż legali fil-kuntratt rilevanti					
Artikolu 200(1), sotto-paragrafu 1	Immaniġjar tal-pretensjonijiet	Opzjoni li tippermetti li ssir għażla bejn tliet metodi għall-immaniġjar tal-pretensjonijiet					
Artikolu 200(3), sotto-paragrafu 2	Immaniġjar tal-pretensjonijiet	Opzjoni li tippermetti li tiġi estiża l-projbizzjoni fuq it-twettieq simultanju ta' attività identika jew simili f'impriża tal-assigurazzjoni relatata għal membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-impriża tal-assigurazzjoni tal-ispejjeż legali					
Artikolu 202(1)	Eċċezzjoni għall-għażla ħielsa tal-avukat	Opzjoni li tippermetti l-eżenzjoni mir-regola tal-għażla ħielsa ta' avukat f'assigurazzjoni ta' spejjeż legali soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet					
Artikolu 206(1)	L-assigurazzjoni tas-saħħa bħala alternattiva għas-sigurtà soċjali	Opzjoni li tippermetti li jiġu mitluba: (a) konformità tal-kuntratti tal-assigurazzjoni tas-saħħa ma' dispożizzjonijiet legali speċifiċi biex jiġi protett l-interess ġenerali fil-klassi tal-assigurazzjoni tal-mard; u (b) komunikazzjoni lill-awtoritajiet superviżorji tal-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi tal-assigurazzjoni tal-mard					

Artikolu tad-Direttiva 2009/138/KE	It-titolu tal-Artikolu	Deskrizzjoni tal-opzjoni	Użu tal-opzjoni IVA / LE	Strument legali nazzjonali użat L/R/A [1]	Referenza għall-Artikolu fil-liġi nazzjonali	Test jew link għat-test tal-liġi nazzjonali	Test jew link għat-test tal-liġi nazzjonali meta jkun disponibbli f'lingwa oħra
Artikolu 206(2), sottoparagrafu 1	L-assigurazzjoni tas-saħħa bħala alternattiva għas-sigurtà soċjali	Opzjoni li tippermetti li tiġi mitluba l-operazzjoni ta' sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa alternattiva fuq bażi teknika simili għal dik tal-assigurazzjoni tal-ħajja, soġġetta għal kundizzjonijiet speċifiċi					
Artikolu 207	L-assigurazzjoni obbligatorja kontra l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol	Opzjoni li tippermetti li tiġi mitluba l-konformità ta' impriżi li joffru assigurazzjoni obbligatorja kontra inċidenti fuq ix-xogħol ma'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru ospitanti					
Artikolu 216(1), sottoparagrafu 1	Impriża prinċipali aħħarija fil-livell nazzjonali	Opzjoni li tippermetti diskrezzjoni superviżorja biex issir superviżjoni tal-grupp lil impriża prinċipali aħħarija fil-livell nazzjonali					
Artikolu 225, sottoparagrafu 2	Impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni relatati	Opzjoni li tippermetti li tiġi meħtieġa l-kunsiderazzjoni tar-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza u l-fondi proprji eliġibbli fir-rigward ta' impriżi relatati b'uffiċċju prinċipali fi Stat Membru ieħor, kif stabbilit f'dak l-Istat Membru, għall-finijiet tal-kalkolu tas-solvenza tal-grupp					
Artikolu 227(1), sottoparagrafu 2	Impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni relatati f'pajjiżi terzi	Opzjoni li tippermetti li jinħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni r-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza u l-fondi proprji eliġibbli fir-rigward ta' impriżi relatati b'uffiċċju prinċipali f'pajjiż terz li għandu reġim tas-solvenza ekwivalenti, kif stabbilit f'dak il-pajjiż terz					

Artikolu tad-Direttiva 2009/138/KE	It-titolu tal-Artikolu	Deskrizzjoni tal-opzjoni	Użu tal-opzjoni IVA / LE	Strument legali nazzjonali użat L/R/A [1]	Referenza għall-Artikolu fil-liġi nazzjonali	Test jew link għat-test tal-liġi nazzjonali	Test jew link għat-test tal-liġi nazzjonali meta jkun disponibbli f'lingwa oħra
Artikolu 275(1)	Trattament ta' pretensjonijiet tal-assigurazzjoni	Opzjoni li ssir għażla bejn żewġ metodi jew taħlita tagħhom biex jiġi żgurat li l-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni jieħdu preċedenza fuq pretensjonijiet oħra kontra l-impriża tal-assigurazzjoni					
Artikolu 275(2)	Trattament ta' pretensjonijiet tal-assigurazzjoni	Opzjoni li tipprovdi għall-prijorità ta' spejjeż li jirriżultaw minn proċeduri ta' stralċ fuq pretensjonijiet tal-assigurazzjoni fl-intier tagħhom jew part minnhom					
Artikolu 276(2), sotto-paragrafu 2	Reġistru speċjali	Opzjoni li teħtieġ li jinżamm reġistru wieħed minn impriżi tal-assigurazzjoni li jkopri r-riskji tal-ħajja, tal-inċidenti u tal-mard					
Artikolu 277	Surroga fi skema ta' garanzija	Opzjoni li tipprovdi li l-Artikolu 275(1) ma jiġix applikat għal pretensjonijiet minn kredituri tal-assigurazzjoni meta dawn ikunu ġew surrogati għal skema nazzjonali ta' garanzija					
Artikolu 279(2), sotto-paragrafu 2	Irtirar tal-awtorizzazzjoni	Opzjoni li tipprovdi li l-eżerċizzju ta' ċerti attivitajiet matul proċeduri ta' stralċ ikunu soġġetti għall-approvazzjoni u s-superviżjoni tal-awtorità superviżorja tal-Istat Membru ta' domiċilju					
Artikolu 304(1)	Submodulu tar-riskju ta' ekwità bbażat fuq id-durata	Opzjoni li tawtorizza lill-impriżi tal-assigurazzjoni tal-ħajja li japplikaw submodulu tar-riskju ta' ekwità bbażat fuq id-durata skont ċerti kundizzjonijiet					

Artikolu tad-Direttiva 2009/138/KE	It-titolu tal-Artikolu	Deskrizzjoni tal-opzjoni	Użu tal-opzjoni IVA / LE	Strument legali nazzjonali użat L/R/A [1]	Referenza għall-Artikolu fil-liġi nazzjonali	Test jew link għat-test tal-liġi nazzjonali	Test jew link għat-test tal-liġi nazzjonali meta jkun disponibbli f'lingwa oħra
Artikolu 305(1)	Derogi u l-eliminazzjoni ta' miżuri restrittivi	Opzjoni li tippermetti l-għotja ta' eżenzjonijiet lil impriżi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja b'ċertu introjtu massimu mill-primjums li ma ssodisfawx ir-rekwiżiti ta' solvenza fil-31 ta' Jannar 1975 mir-rekwiżit li jistabbilixxu fond ta' garanzija minima					
Artikolu 308b(15)	Miżuri tranżizzjonali	Opzjoni li tippermetti li jkomplu japplikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li ġew adottati bl-għan li jikkonformaw mal-Artikoli 1 sa 19, 27 sa 30, 32 sa 35 u 37 sa 67 tad-Direttiva 2002/83/KE sal-31 ta' Diċembru 2019					
Artikolu 308b(16)	Miżuri tranżizzjonali	Opzjoni li tippermetti lill-impriża prinċipali aħħarija tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, matul perjodu sal-31 ta' Marzu 2022, li tapplika għall-approvazjoni ta' mudell intern tal-grupp applikabbli għal parti minn grupp					

[1] It-test tal-liġi (L), regolament (R), regola amministrattiva (A).